**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 ta' Jannar 2017**

**Pulizija**

**Spettur Anna M. Xuereb**

**Vs**

**Kevin Zammit**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Kevin Zammit, ta' 47 sena, iben Philip-James u Carmen nee' Ciantar mwieled H'Attard fl-4 ta' Lulju 1969, residenti ta' Gaglione, Flat 1, Triq ta' Sdieri, Gharb, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 305169M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar t'Awwissu 2014 u fix-xhur u snin ta' qabel, fil-kapacita' tieghu personali kif ukoll bhala Drettur tal-Kumpanija Administration Investment Management Services Limited C 19809, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma t'aktar minn hamest elef eur (€5,000) ghad-dannu ta' Norbert Friggieri, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haa jew li jsir uzu minnha specifikat;

2) U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda' b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq t'aktar minn hamest elef euro (€5,000), ghad-dannu ta' Norbert Friggieri;

3) U aktar talli bi hsara ta' haddiehor u cioe ta' Norbert Friggieri, ghamel qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet a' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fid-19 ta' Jannar 2017, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u li ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Rat illi l-partijiet kollha koncernati kienu qablu dwar piena, peress illi kien gia’ intlahaq ftehim bejn il-parti leza u d-difiza dwar modalita’ ta’ hlas ghar-rifuzjoni tal-ammont mehud mill-imputat;

Rat id-dokumenti esebiti f’dan is-sens, fejn permezz ta’ skrittura datata 18 ta’ Jannar 2017, l-imputat hallas ghas-saldu l-ammont ta’ €23,000.00 lil Norbert Friggieri;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’ dawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u tghaddi biex tikkunsidra l-piena idoneja ghal dan il-kaz. Il-Qorti rat id-dokumenti kollha esebiti, partikolarment il-kwerela datata 27 ta’ Jannar 2016, l-istqarrija tal-imputat datata 28 ta’ Lulju 2016, u d-dokumenti l-ohra li juru kif l-imputat kien issellef ammont ta’ flus mill-parti leza u kif, minkejja diversi skritturi, dak l-ammont kien baqa’ ma giex rifuz minnu. Illum din il-pretensjoni tinsab saldata, u huwa biss ghax l-ammont hekk dovut jinsab imhallas li l-Qorti mhix ser taghti piena ta’ prigunerija f’dan il-kaz. Il-Qorti l-anqas m’hi ser tidhol fil-mertu tal-kawza proprja. Jidher mid-diversi dokumenti esebiti li r-reat imwettaq mill-imputat kien dak indikat fit-tieni imputazzjoni, u cioe’ ta’ frodi, u mhux ta’ misapproprjazzjoni kif indikat fl-ewwel imputazzjoni.

Ghalhekk il-Qorti sejra tapplika sanzjoni fil-komunita’ kif gia’ ftehmu bejniethom il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**